M'għandux jiltaqa' waqt li l-Kamra tkun f'seduta.

**138.** (*Imħassar bir-Riżoluzzjoni 198 tal-1995*).

Il-konsulent legali joqgħod għar-regoli magħmula mill-president. *Emendat: Riżoluzzjoni 198 tal-1995.*

**139.** Meta konsulent legali u esperti jidhru quddiem kumitat permanenti jew quddiem kumitat magħżul, għandhom ikunu marbuta li jħarsu dawk id-direttivi u joqogħdu għal dawk ir-regoli fit-tmexxija ta' ħwejjeġ quddiem dak il-kumitat kif ikun meħtieġ mill-president ta' dak il-kumitat.

## XI. Petizzjonijiet

Forma ta' petizzjoni. *Sostitwit: Riżoluzzjoni 382 tal-2016.*

**140.** (1) Petizzjoni tista' ssir kemm bil-miktub kif ukoll b'mod elettroniku.

(2) Kull petizzjoni għandha tkun ħielsa minn kull kliem interlineat jew tħassir u tkun fil-forma murija fl-appendiċi li tinsab ma' dawn l-Ordnijiet Permanenti.

Ebda applikazzjoni għall-għoti ta' flus, eċċ.

**141.** Ma jistgħu jsiru ebda applikazzjonijiet b'petizzjoni għall-għoti ta' flus pubbliċi, għall-ftehim dwar somom ta' flus dovuti lir-Repubblika ta' Malta, jew għall-ħelsien ta' dazji li għandhom jitħallsu minn xi persuna. Iżda din ir-regola ma għandhiex tiftiehem li timpedixxi lil xi persuna milli titlob lill-Kamra biex tikkonsidra l-każ tagħha sabiex tikseb dik l-għajnuna li għandha dritt għaliha, jekk il-Kamra hekk jidhrilha.

Li tkun bil-Malti jew bl-Ingliż.

**142.** Kull petizzjoni għandha tkun miktuba bl-ilsien Malti jew Ingliż u tkun iffirmata minn min jagħmilha. Fil-każ ta' inkapaċità li jikteb, min jagħmel il-petizzjoni għandu jagħmel il-marka tiegħu awtentikata skont il-liġi.

Riferenza għad-diskussjoni jew għall-mozzjoni li wieħed bi ħsiebu jagħmel.

**143.** Ebda riferenza ma għandha ssir f'petizzjoni għal xi diskussjoni fil-Kamra, lanqas għal xi mozzjoni li wieħed ikun bi ħsiebu jagħmel, kemm-il darba ma jkunx hemm avviż dwar dik il-mozzjoni fl-aġenda tal-Kamra.

Min jista' jippreżenta petizzjonijiet. *Sostitwit: Riżoluzzjoni 382 tal-2016.*

**144.** Petizzjonijiet jistgħu jsiru:

(*a*) minn membru jew membri bil-miktub:

Iżda ebda Membru ma jkun jista' jippreżenta petizzjoni tiegħu stess, iżda din tista' tiġi ppreżentata minn xi Membru ieħor; jew

(*b*) minn ċittadin b'mod elettroniku fuq is-sit elettroniku tal-Parlament.

Għandha tkun depożitata ġurnata għand l-Iskrivan. *Emendat: Riżoluzzjoni 382 tal-2016.*

**145.** Kull petizzjoni għandha, qabel ma tiġi ppreżentata, tkun iffirmata fil-bidu tagħha mill-membru inkarigat minnha, u depożitata għal mill-anqas ġurnata waħda sħiħa għand l-Iskrivan tal-Kamra, li wara lj jeżaminaha, għandu jressaqha għall-approvazzjoni tal-i*Speaker*, u ebda petizzjoni ma għandha tiġi ppreżentata lill-Kamra sakemm ma tinkisibx din l-approvazzjoni. Din l-approvazzjoni tiġi mgħarrfa billi l-petizzjoni tkun iċċertifikata mill-Iskrivan tal-Kamra kif ġej : "Kamra tad-Deputati, mgħoddija mill-i*Speaker*" Dawn l-istess verifiki mill-Iskrivan tal-Kamra għandhom isiru wkoll f'każ ta' petizzjoni ppreżentata minn ċittadin.

**146.** Qabel ma xi membru jippreżenta petizzjoni għandu jivverifika n-numru ta' firem fil-petizzjoni, u għandu jikteb l-istess numru fil-bidu tal-petizzjoni. Dawn l-istess verifiki mill-Iskrivan tal-Kamra għandhom isiru wkoll f'każ ta' petizzjoni ppreżentata minn ċittadin.

In-numru tal-firem għandu jkun verifikat. *Emendat: Riżoluzzjoni 382 tal-2016.*

**147.** Ikun id-dmir ta' kull membru li jippreżenta petizzjoni li jkun jaf il-kontenut tagħha u li jiżgura ruħu li ma jkunx fiha kliem ta' nuqqas ta' rispett lejn il-Kamra.

Għandha tkun eżaminata mill-membru inkarigat.

**148.** Kull membru li joffri li jippreżenta petizzjoni lill-Kamra għandu jillimita ruħu għal dikjarazzjoni tal-partijiet li jkunu għamluha, tan-numru tal-firem li jkun hemm fiha, għall-allegazzjonijiet sostantivi li jkun fiha, u għall-qari tat-talba ta' dik il-petizzjoni.

Proċedura għall-membru inkarigat.

**149.** Kull petizzjoni, sakemm ma jkollhiex xi ħaġa li tmur kontra l-privileġġi tal-Kamra, u li, skont ir-regoli jew il-konswetudini tal-Kamra, tista' tiġi milqugħa, għandha tiġi mressqa fuq il-Mejda bl-ordni tal-i*Speaker*, li ma għandu jippermetti ebda diskussjoni, jew li xi membru jitkellem dwar dik il-petizzjoni; iżda tista' tinqara mill-Iskrivan tal-Kamra, jekk ikun meħtieġ.

Ebda diskussjoni mal-preżentazzjoni.

**150.** Kull petizzjoni, kemm jekk preżentata minn membru kif ukoll jekk preżentata minn ċittadin għandha tiġi diskussa mill-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet. Wara dik id- diskussjoni l-Kumitat għandu jiddeċiedi jekk il-petizzjoni għandhiex tiġi riferuta lil xi Kumitat Permanenti jew Magħżul tal-Kamra, jew għandhiex issir diskussjoni fil-Kamra kollha. Ikun possibbli wkoll li petizzjoni tiġi riferuta lil xi Ministeru, Dipartiment jew Awtorità. Jista' jiġi deċiż li l-petizzjoni tieqaf hemm u titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra possibbilment b'xi kummenti tal-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet.

Riferenza ta' petizzjonijiet. *Emendat: Riżoluzzjoni 49 tal-2013. Sostitwit: Riżoluzzjoni 382 tal-2016.*

### XII. L-i*Speaker*, id-*Deputy Speaker* u l-Viċi President

**151.** (1) Għandu jippresjedi f'kull seduta tal-Kamra l-i*Speaker* jew, fl-assenza tiegħu, id-*Deputy Speaker* jew, fl-assenza tagħhom membru tal-Kamra (li ma jkunx Ministru jew Segretarju Parlamentari) elett mill-Kamra għal-laqgħa.

Presidenza fil-Kamra. *Emendat: A.L. 46 tal-1965.*

(2) Riferenzi f'dan l-ordni permanenti għal ċirkostanzi li fihom l-i*Speaker* jew id-*Deputy Speaker* ikun assenti jinkludu riferenzi għal ċirkostanzi li fihom il-kariga ta' *Speaker* jew *Deputy Speaker* tkun vakanti.

**152.** Il-President tal-Kumitati għandu jokkupa s-Siġġu bħala *Deputy Speaker* kull meta jkun mitlub li jagħmel hekk mill-i*Speaker* għal intervalli qosra waqt seduta tal-Kamra mingħajr ebda tagħrif formali lill-Kamra.

Id-*Deputy Speaker* joqgħod minflok l-i*Speaker*.

**153.** Meta jkun hemm vakanza fil-kariga ta' *Speaker* jew *Deputy Speaker*, l-Iskrivan tal-Kamra għandu jirrapporta l-istess lill-Kamra, u l-Kamra għandha minnufih tipproċedi għall-elezzjoni ta' *Speaker* jew *Deputy Speaker* ġdid bil-mod imsemmi qabel.

Vakanza fil-kariga ta' *Speaker* jew *Deputy Speaker*.

**154.** Il-Kamra tista' taħtar Viċi President tal-Kumitati li għandu jokkupa s-Siġġu, kull meta jkun mitlub li jagħmel hekk mill-President tal-Kumitati jew meta l-President tal-Kumitati jkun assenti u li jkollu d-dritt jeżerċita s-setgħat kollha mogħtija lill-

Ħatra ta' Viċi President tal-Kumitati.